C/2024/867

6.2.2024

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Triq 'il quddiem għall-approfondiment tas-suq uniku permezz tad-diġitalizzazzjoni"

(opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(C/2024/867)

Relatur: **Mira-Maria DANISMAN**

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	25.1.2023
Bażi legali	Artikolu 52(2) tar-Regoli ta' Proċedura
	Opinjoni fuq inizjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Adozzjoni fis-sezzjoni	3.10.2023
Adozzjoni fil-plenarja	25.10.2023
Sessjoni plenarja Nru	582
Riżultat tal-votazzjoni	
(favur/kontra/astensjonijiet)	210/0/7

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jemmen li d-diġitalizzazzjoni taqdi rwol sinifikanti fis-suq uniku u jissuġġerixxi f'din l-Opinjoni fuq inizjattiva proprja kif id-diġitalizzazzjoni tista' ġġib aktar valur miżjud għall-funzjonament tas-suq uniku u ttejjeb it-tgawdija tal-libertajiet tas-suq uniku.

1.2. Id-diġitalizzazzjoni fit-trasport u l-loġistika hija kruċjali fit-tisħiħ tal-moviment liberu tal-merkanzija. Dan jenfasizza l-ħtieġa għal investiment adegwat f'infrastruttura tat-trasport li tibqa' valida fil-futur. Il-KESE jistieden ukoll lill-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom biex jiffaċilitaw l-użu ta' dokumenti elettroniċi relatati mat-trasport.

1.3. L-introduzzjoni ta' "passaporti diġitali tal-prodotti" hija eżempju wieħed ta' kif l-informazzjoni diġitali tista' tikkontribwixxi għall-moviment liberu tal-merkanzija fis-suq uniku, u huwa importanti wkoll li tiġi żgurata l-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali u d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali f'dan il-kuntest.

1.4. Il-kummerċ elettroniku joffri lin-negozji opportunitajiet sinifikanti biex jilħqu lill-klijenti fi Stati Membri oħra, u jipprovdi lill-konsumaturi b'aktar għażla u aċċess aktar faċli għall-prodotti u s-servizzi. Il-KESE jappella għal azzjoni biex jingħelbu l-ostakli eżistenti għall-kummerċ elettroniku fis-suq uniku, eż. permezz tal-infurzar tar-regoli tal-UE dwar l-imblukkar ġeografiku.

1.5. Il-KESE jissuġġerixxi li l-proposta rtirata tal-Kummissjoni għal "e-Card tas-servizzi", li għandha l-għan li tgħin lill-fornituri tas-servizzi joperaw bejn il-fruntieri, għandha titqiegħed lura fuq l-aġenda, peress li hija mezz prattiku għall-promozzjoni tas-suq uniku fis-servizzi.

1.6. Il-KESE jħeġġeġ l-introduzzjoni ta' sistemi ta' identifikazzjoni diġitali siguri u standardizzati bħall-karti tal-eID sabiex iċ-ċittadini, ir-residenti u n-negozji tal-UE jingħataw mezz sigur ta' identifikazzjoni diġitali li jista' jintuża f'diversi servizzi u pjattaformi online fi ħdan is-suq uniku.

1.7. Il-KESE jappella għall-iżvilupp u ż-żieda ta' inizjattivi fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni tas-sigurtà soċjali u l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol u jħeġġeġ l-introduzzjoni ta' inizjattivi bħall-Pass Ewropew tas-Sigurtà Soċjali.

1.8. Id-diġitalizzazzjoni taqdi rwol ċentrali fil-moviment liberu tal-kapital fis-suq uniku u fl-attività transfruntiera tas-servizzi finanzjarji. Biex tagħti spinta lill-applikazzjonijiet tal-FinTech, l-Unjoni Ewropea (UE) għandha tkompli tarmonizza r-regolamentazzjoni tas-servizzi finanzjarji diġitali u żżid il-finanzjament tal-innovazzjoni għal soluzzjonijiet diġitali.

1.9. Il-KESE jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat suq uniku tad-*data* li jiffunzjona tajjeb, peress li dan huwa prerekwiżit għat-tisħiħ tal-erba' libertajiet l-oħra permezz tad-diġitalizzazzjoni. Suq uniku li jiffunzjona tajjeb, akkumpanjat minn ċibersigurtà robusta u protezzjoni adegwata tad-*data*, isaħħaħ ukoll ir-reżiljenza, is-sovranità u l-kompetittività tal-UE fil-kuntest globali tad-diġitalizzazzjoni.

1.10. Il-KESE jenfasizza l-importanza ta' investiment intensiv fl-infrastruttura diġitali, ir-riċerka u l-innovazzjoni, u l-iżvilupp tal-ħiliet, li kollha huma fatturi abilitanti ewlenin tad-diġitalizzazzjoni.

1.11. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li d-diġitalizzazzjoni ssir b'mod sostenibbli mil-lat ekonomiku, soċjali u ambjentali. Trid tingħata attenzjoni adegwata lill-prevenzjoni tal-impatti ambjentali dannużi tad-diġitalizzazzjoni u d-distakki diġitali fir-rigward tal-aċċess għall-infrastruttura u l-ħiliet.

1.12. Il-KESE jappella għal qafas regolatorju ta' appoġġ u infurzar effettiv tar-regoli komuni tal-UE mill-Istati Membri. Barra minn hekk, id-diġitalizzazzjoni tal-governanza pubblika (governanza elettronika) hija kruċjali biex tagħmilha aktar faċli, aktar rapida u orħos għall-individwi u n-negozji biex joperaw fis-suq uniku, pereżempju fir-rigward tal-akkwist pubbliku, it-tassazzjoni, ir-reġistrazzjonijiet u obbligi amministrattivi oħra.

2. **Sfond**

2.1. Id-diġitalizzazzjoni kellha rwol dejjem akbar fl-ekonomija u fis-soċjetà matul il-perjodu kollu ta' 30 sena tas-suq uniku Ewropew. It-teknoloġiji diġitali bħall-apparati mobbli, il-kummerċ elettroniku u l-cloud computing ħadu post ċentrali fil-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini u n-negozji Ewropej. Dawn it-teknoloġiji ffaċilitaw ukoll it-tgawdija tal-moviment liberu tal-merkanzija, tas-servizzi, tal-persuni u tal-kapital — u ġġeneraw il-ħames libertà tas-suq uniku, il-moviment liberu tad-*data* — fl-aħħar mill-aħħar il-promozzjoni ta' ekonomija kompetittiva tal-UE u standard ta' għajxien ogħla.

2.2. L-UE ħadet rwol attiv fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni billi żviluppat il-qafas u l-istandards regolatorji, investiet fl-infrastruttura diġitali u tat spinta lill-ħiliet u l-innovazzjoni diġitali. Dawn l-investimenti taw il-frott, peress li rajna konnettività mtejba, prodotti u servizzi innovattivi u tkabbir ekonomiku msaħħaħ. Madankollu, is-suq uniku għadu 'l bogħod milli jkun perfett.

2.3. Minħabba l-ħtieġa evidenti li jiġu żviluppati aktar il-funzjonament u l-integrazzjoni tas-suq uniku, din l-Opinjoni fuq inizjattiva proprja teżamina r-rwol u l-potenzjal tad-diġitalizzazzjoni fit-tisħiħ tal-possibbiltajiet biex jitgawdew il-libertajiet tas-suq uniku. L-Opinjoni tirrigwarda bosta Opinjonijiet preċedenti tal-KESE dwar id-diġitalizzazzjoni u s-suq uniku ([1]).

3. **It-tisħiħ tas-suq uniku permezz tad-diġitalizzazzjoni**

3.1. *Moviment liberu tal-merkanzija*

3.1.1. *Id-diġitalizzazzjoni fit-trasport u l-loġistika* taqdi rwol ewlieni fit-tisħiħ tal-moviment liberu tal-merkanzija. Dan jinvolvi d-diġitalizzazzjoni tas-sistema fiżika tat-trasport, inklużi l-vetturi, l-infrastruttura u l-ġestjoni tat-traffiku. Min-naħa l-oħra, dan jinvolvi d-diġitalizzazzjoni tal-informazzjoni dwar il-merkanzija, u b'hekk jissemplifika l-proċessi u jnaqqas il-piżijiet amministrattivi fil-kummerċ transfruntier tal-UE. F'dan il-qasam, l-Istati Membri għandhom iżidu l-isforzi tagħhom biex jiffaċilitaw l-użu ta' dokumenti elettroniċi relatati mat-trasport.

3.1.2. L-iżvilupp diġitali jtejjeb il-kundizzjonijiet għall-intermodalità u jikkontribwixxi għal aktar effiċjenza, produttività u sikurezza għat-trasport tal-merkanzija u l-loġistika. Għalhekk huwa meħtieġ investiment adegwat kemm fl-infrastruttura tradizzjonali kif ukoll fl-infrastruttura diġitali avvanzata biex tiġi appoġġjata infrastruttura tat-trasport li tibqa' valida fil-futur, u jiġi żgurat il-moviment transfruntier bla xkiel tal-merkanzija kemm fl-UE kif ukoll lil hinn minnha. Barra minn hekk, minħabba ż-żieda fl-elettrifikazzjoni u fl-użu tal-idroġenu fit-trasport, l-infrastrutturi tal-enerġija, diġitali u tat-trasport qed isiru dejjem aktar interkonnessi.

3.1.3. L-introduzzjoni ta' "*passaporti diġitali tal-prodotti*" hija eżempju wieħed ta' kif id-diġitalizzazzjoni tista' tikkontribwixxi aktar għall-moviment liberu tal-merkanzija fis-suq uniku billi tippermetti lill-konsumaturi, lin-negozji u lill-awtoritajiet jaċċessaw firxa wiesgħa ta' informazzjoni diġitali dwar il-karatteristiċi tal-prodott, u b'hekk tiżdied il-fiduċja fis-suq ([2]). Madankollu, huwa importanti li jiġu appoġġjati l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (MSMEs) —

([1]) ĠU C 228, 29.6.2023, p. 22; ĠU C 194, 12.5.2022, p. 87; ĠU C 443, 22.11.2022, p. 51; ĠU C 228, 29.6.2023, p. 17; ĠU C 311, 18.9.2020, p. 19.

([2]) Inizjattiva tal-Kummissjoni (COM(2022) 142 final) biex iġġedded ir-rekwiżiti tal-ekodisinn.

billi jittejbu l-ħiliet diġitali u l-għarfien tagħhom tal-impatti ambjentali. Għandha tingħata attenzjoni speċifika lil dawk l-MSMEs li joperaw fil-ktajjen tal-provvista. Barra minn hekk, il-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali u tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali jeħtieġ li tiġi żgurata fl-adozzjoni ta' dawn il-passaporti.

3.2. *Il-moviment liberu tas-servizzi*

3.2.1. Il-moviment liberu tas-servizzi fi ħdan is-suq uniku ħa passi sinifikanti 'l quddiem matul dawn l-aħħar 30 sena, għalkemm għad hemm sfidi. Id-Direttiva Ewropea dwar is-Servizzi kkontribwiet b'mod sinifikanti għall-integrazzjoni tas-suq tas-servizzi tal-UE. Madankollu, għad hemm rekwiżiti nazzjonali addizzjonali, bħal sistemi kumplessi ta' liċenzjar li jfixklu l-moviment liberu tas-servizzi fis-suq uniku tal-UE. Il-KESE jemmen li d-diġitalizzazzjoni tista' tindirizza xi whud minn dawn l-isfidi, pereżempju billi tiffaċilita l-forniment ta' servizzi elettroniċi.

3.2.2. *Il-pjattaformi diġitali* jippermettu lin-negozji jfornu, u liċ-ċittadini jakkwistaw, varjetà wiesgħa ta' servizzi fis-suq uniku. Għalkemm l-UE ħadmet biex tappoġġja l-ekonomija tal-pjattaformi Ewropej, il-qafas regolatorju għandu jiġi implimentat, immonitorjat u rieżaminat b'mod regolari biex jiġi żgurat li jżomm il-pass max-xenarju diġitali li qed jevolvi u ma joħloqx ostakli bla bżonn għad-dħul fis-suq u għall-innovazzjoni.

3.2.3. Waqt li jittrasforma l-mudelli tan-negozju, il-kummerċ elettroniku joffri opportunitajiet sinifikanti lin-negozji biex jilħqu klijenti fi Stati Membri oħra b'mod aktar faċli. B'mod korrispondenti, ix-xiri online jipprovdi lill-konsumaturi b'aktar għażla u aċċess aktar faċli għall-prodotti u s-servizzi. L-azzjonijiet biex jingħelbu l-ostakli eżistenti għall-kummerċ elettroniku jistgħu jgħinu biex jittejjeb il-funzjonament tas-suq uniku, eż. permezz tal-infurzar tar-regoli tal-UE dwar l-imblukkar ġeografiku ([3]). Huwa importanti wkoll li jiġi żgurat li r-regoli jkunu teknoloġikament newtrali f'termini ta' mezzi ta' bejgħ. Barra minn hekk, hija meħtieġa protezzjoni adegwata tal-konsumatur biex jiġu indirizzati prattiki qarrieqa u ta' ingann fil-kummerċ elettroniku.

3.2.4. Il-proposta tal-Kummissjoni għal *e-Card tas-servizzi* ([4]), li kellha l-għan li tgħin lill-fornituri tas-servizzi joperaw bejn il-fruntieri, kienet tentattiv wieħed biex jingħelbu whud mill-ostakli għall-moviment liberu tas-servizzi. L-e-Card kienet tippermetti lill-fornituri tas-servizzi jużaw proċedura kompletament elettronika fil-livell tal-UE biex ilestu l-formalitajiet meta joffru servizzi fi Stat Membru ieħor, li jwassal għal piżijiet amministrattivi mnaqqsa u ċertezza legali akbar għall-fornituri tas-servizzi. Il-KESE jappella sabiex dan il-punt jerġa' jitqiegħed fuq l-aġenda, peress li huwa eżempju prattiku ta' kif id-diġitalizzazzjoni tista' tkompli ssaħħaħ il-moviment liberu tas-servizzi fis-suq uniku.

3.3. *Il-moviment liberu tal-persuni*

3.3.1. Il-ħolqien taċ-*Ċertifikat COVID Diġitali Ewropew* huwa eżempju reċenti ta' kif id-diġitalizzazzjoni tista' tappoġġja l-moviment liberu tal-persuni anke f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali, inkluż matul pandemija globali.

3.3.2. Sistemi ta' identifikazzjoni diġitali standardizzati siguri bħall-eID-cards huma mezz essenzjali biex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu tal-persuni. Dawn jissemplifikaw il-proċessi ta' verifika fl-Istati Membri u jnaqqsu l-ħtieġa għal kontrolli manwali u dokumenti stampati. F'dan ir-rigward, il-proposta reċenti tal-Kummissjoni dwar il-*Qafas għal Identità Diġitali Ewropea* ([5]) hija pass pożittiv 'il quddiem li jipprovdi liċ-ċittadini, lir-residenti u lin-negozji tal-UE b'mezz sigur ta' identifikazzjoni diġitali li jista' jintuża f'diversi servizzi u pjattaformi online fi ħdan is-suq uniku.

3.3.3. Aktar *diġitalizzazzjoni fl-isfera tas-sigurtà soċjali u l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol* tista' ġġib valur miżjud għas-suq uniku u l-moviment liberu tal-persuni. L-azzjonijiet fil-livell tal-UE u dak nazzjonali jeħtieġ li jiżdiedu biex ikomplu jissemplifikaw il-proċeduri, inaqqsu l-ostakli amministrattivi u jimxu lejn sistemi tas-sigurtà soċjali aktar interoperabbli, interkonnessi u awtomatizzati ([6]) li jippermettu applikazzjoni aktar rapida u korretta tal-mod li bih jingħabru l-kontribuzzjonijiet u jitħallsu l-benefiċċji. F'dan ir-rigward qed jiġu żviluppati inizjattivi promettenti bil-potenzjal li tingħata spinta lill-mobbiltà tal-forza tax-xogħol.

([3]) ĠU C 34, 2.2.2017, p. 93.
([4]) COM(2016) 824 final.
([5]) COM(2021) 281 final.
([6]) Ara s-sejbiet ewlenin tal-konferenza dwar Id-diġitalizzazzjoni fil-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali (ESSPASS) u l-"Karti tax-Xogħol", li saret f'Marzu 2023.

3.3.4. Il-*Pass Ewropew tas-Sigurtà Soċjali* (ESSPASS) hija inizjattiva ġdida tal-Kummissjoni li toħloq għodda diġitali għaċ-ċittadini biex jagħtu prova tal-kopertura u l-intitolamenti meta jkunu f'pajjiż ieħor tal-UE. Proġett interessanti ieħor, imsejjaħ is-*Servizz Ewropew ta' Traċċar dwar il-Pensjonijiet* kellu l-għan li jistabbilixxi sistema ta' informazzjoni online dwar il-pensjonijiet tal-individwi fil-pajjiżi tal-UE, li tgħin lill-ħaddiema jsibu l-forniturі tal-pensjonijiet tagħhom.

3.3.5. Il-karti tal-identità diġitali tax-xogħol jistgħu jintużaw biex jiġi żgurat li r-rekwiżiti soċjali jew rekwiżiti oħra jkunu ġew issodisfati mill-impjegatur tal-ħaddiem jew mill-ħaddiem innifsu. Dawn il-karti, bħall-*Karta Professjonali Ewropea (KPE)*, jiffaċilitaw il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol fl-UE. Għalkemm il-karti tax-xogħol jitqiesu prinċipalment bħala responsabbiltà nazzjonali, l-UE jista' jkollha rwol fil-ħolqien ta' interkonnettività bejn il-karti kif ukoll fil-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki f'dan il-qasam.

3.4. *Moviment liberu tal-kapital*

3.4.1. Id-diġitalizzazzjoni taqdi rwol ċentrali fil-promozzjoni tal-moviment liberu tal-kapital fis-suq uniku u tista' ssaħħaħ l-attività transfruntiera tas-servizzi finanzjarji fl-UE, pereżempju fis-servizzi finanzjarji għall-konsumatur u fl-assigurazzjoni. L-ipproċessar tal-pagamenti diġitalizzat jiffaċilita l-moviment liberu tal-merkanzija u s-servizzi fis-suq uniku permezz ta' tranżazzjonijiet aktar rapidi bi spejjeż aktar baxxi għall-konsumaturi u n-negozji. Id-diġitalizzazzjoni tissemplifika l-konverżjoni tal-munita u toffri tranżazzjonijiet ta' pagament siguri, u żżid il-fiduċja ġenerali fil-kummerċ transfruntier. Barra minn hekk, il-pjattaformi diġitali online ffukaw fuq l-investiment, il-finanzjament kollettiv u l-kummerċ jiffaċilitaw il-moviment liberu tal-kapital.

3.4.2. Biex tagħti spinta lil dawn *l-applikazzjonijiet tal-FinTech*, l-UE għandha tkompli tarmonizza r-regoli għas-servizzi finanzjarji diġitali peress li l-oqfsa regolatorji armonizzati jagħmluha aktar faċli li wieħed jopera bejn il-fruntieri. L-UE għandha tappoġġja wkoll l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet diġitali tal-FinTech permezz ta' finanzjament għall-innovazzjoni. Barra minn hekk, l-investiment fil-protezzjoni tad-*data* u ċ-ċibersigurtà se jżid il-fiduċja fis-servizzi tal-FinTech u fit-tranżazzjonijiet diġitali transfruntiera.

3.5. *Moviment liberu tad-data*

3.5.1. Id-*data* tinsab fiċ-ċentru tal-isforzi kollha ta' diġitalizzazzjoni fis-suq uniku u l-moviment liberu tad-*data* huwa prerekwiżit għat-tisħiħ tal-libertajiet l-oħra tas-suq uniku permezz tad-diġitalizzazzjoni. Suq uniku tad-*data* li jiffunzjona tajjeb huwa meħtieġ ukoll biex jissaħħu *r-reżiljenza, is-sovranità u l-kompetittività tal-UE* fil-kuntest globali tad-diġitalizzazzjoni. L-Istrateġija Ewropea għad-*Data* tipprovdi pjan direzzjonali għall-bini ta' suq Ewropew tad-*data* b'saħħtu. Il-kondiviżjoni u l-iskambju tad-*data* jippermettu lin-negozji u lil dawk li jfasslu l-politika jikkollaboraw bejn il-fruntieri, jiżviluppaw standards komuni u jippromovu l-interoperabbiltà. Fl-aħħar mill-aħħar dan se japprofondixxi s-suq uniku għan-nies u n-negozji u jżid l-attività transfruntiera u l-integrazzjoni ekonomika.

3.5.2. L-użu mtejjeb tad-*data* huwa sors ta' innovazzjonijiet, prodotti, servizzi u mudelli kummerċjali ġodda li jwasslu għal għażla usa' tal-klijenti, u żieda fit-tkabbir u l-kompetittività fis-suq uniku. Jeħtieġ li l-UE tkompli l-ħidma tagħha biex tiffaċilita l-aċċess għad-*data* u l-kondiviżjoni tagħha permezz tal-*Ispazji Ewropej tad-Data*. Pereżempju, l-istabbiliment tal-Ispazju Ewropew tad-*Data* dwar is-Saħħa huwa inizjattiva promettenti biex jiġu żgurati l-iskambju u l-użu tad-*data* dwar is-saħħa bejn il-fruntieri. Inizjattivi regolatorji bħall-Att dwar id-*Data* u l-Att dwar il-Governanza tad-*Data* jikkontribwixxu wkoll għal aċċess aħjar għad-*data*.

3.5.3. L-iżgurar ta' regoli armonizzati dwar il-*protezzjoni tad-data* huwa importanti biex tinbena l-fiduċja biex jiġu żgurati l-flussi tad-*data* fi ħdan is-suq uniku. Meta wieħed iqis li aktar nies qed jafdaw id-*data* tagħhom lis-servizzi tal-cloud, il-prinċipji tal-privatezza u s-sigurtà tad-*data* jisthoqqilhom aktar attenzjoni. Il-KESE jappella għar-reviżjoni li jmiss tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (GDPR) biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet fl-infurzar kif ukoll biex jiġu ssemplifikati r-regoli applikabbli speċjalment għall-MSMEs.

3.5.4. Iċ-*ċibersigurtà* għandha wkoll rwol kruċjali x'taqdi fl-istabbiliment tal-fiduċja fit-teknoloġiji diġitali li jtejbu l-ekonomija tad-*data* fis-suq uniku tal-UE. L-Istrateġija tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà tistabbilixxi qafas konsistenti għat-tisħiħ taċ-ċibersigurtà fl-Istati Membri tal-UE.

3.5.5. Sabiex jitrawmu bis-sħiħ il-benefiċċji tad-diġitalizzazzjoni fis-suq uniku, ir-reġjuni kollha, inklużi ż-żoni rurali u remoti, għandu jkollhom aċċess għall-*infrastruttura diġitali* bħan-networks tal-broadband u eventwalment in-networks 5G u 6G. Aktar investimenti fiċ-ċentri tad-*data* u fl-infrastruttura tal-cloud computing huma meħtieġa wkoll biex jappoġġjaw iċ-ċaqliq, l-ipproċessar u l-ħżin tad-*data* fis-suq uniku.

3.6. *Faċilitaturi u prekundizzjonijiet tad-diġitalizzazzjoni*

3.6.1. Sabiex ikun possibbli li tkompli tissaħħaħ id-diġitalizzazzjoni tas-suq uniku, iridu jiġu żgurati l-eżistenza u l-prestazzjoni tajba tal-fatturi abilitanti ewlenin tat-trasformazzjoni diġitali. Dan jitlob aktar investiment fir-*riċerka u l-innovazzjoni*, u l-promozzjoni ta' ekosistemi tal-innovazzjoni. Għalkemm huwa importanti li jissaħħu l-IA, it-teknoloġija kwantistika u teknoloġiji avvanzati oħra, ħafna SMEs jiffaċċjaw sfidi kbar fl-adozzjoni anke ta' teknoloġiji diġitali bażiċi. Iċ-Ċentri Ewropew tal-Innovazzjoni Diġitali huma pjattaformi siewja biex jinvolvu wkoll lill-MSMEs fl-iżvilupp u l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet diġitali u l-firxa tagħhom għandha tiġi estiża għal udjenzi akbar.

3.6.2. L-iżvilupp ta' *ħiliet u kompetenzi*, minn ħiliet diġitali bażiċi għal talent ta' livell għoli, huwa faċilitatur kruċjali ieħor tad-diġitalizzazzjoni, meħtieġ kemm għall-ħajja tax-xogħol kif ukoll għall-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini. Barra minn hekk, l-istabbiliment ta' qafas Ewropew għaċ-ċertifikazzjoni diġitali tal-ħiliet, rikonoxximent standardizzat diġitali tal-kompetenzi, jgħin lill-individwi juru l-ħiliet u l-kwalifiki tagħhom fl-UE kollha u b'hekk jiffaċilita x-xogħol fi Stat Membru ieħor.

3.6.3. Peress li t-trasformazzjoni diġitali tirrikjedi ammont konsiderevoli ta' investiment, iridu jiġu żgurati swieq finanzjarji li jiffunzjonaw tajjeb u allokazzjoni adegwata ta' *finanzjament* pubbliku għall-iżvilupp diġitali. Barra minn hekk, l-UE trid tipprovdi *qafas regolatorju ta' appoġġ* li jkun adattat għall-iskop tiegħu, jinkoraġġixxi l-innovazzjoni u l-investiment, jimminimizza l-piż amministrattiv u jiżgura kundizzjonijiet ugwali fis-suq uniku, inklużi impenn sħiħ u infurzar adegwat tar-regoli komuni mill-Istati Membri.

3.6.4. It-trasformazzjoni diġitali trid tkun ukoll *ekonomikament, soċjalment u ambjentalment sostenibbli*. Minbarra li żżid l-effiċjenza ekonomika u l-produttività, id-diġitalizzazzjoni hija mod essenzjali biex tavvanza t-tranżizzjoni ekoloġika, dment li l-aspetti klimatiċi u ambjentali tas-sistemi diġitali, inkluż l-użu tal-enerġija u tal-materjali, jiġu ġestiti tajjeb. Huwa importanti wkoll li jiġu indirizzati d-distakki diġitali fir-rigward tal-aċċess għall-infrastruttura u l-ħiliet, u li s-soċjetà kollha tkun tista' tiġi involuta bis-sħiħ fl-iżvilupp diġitali.

3.7. *Governanza elettronika*

3.7.1. F'din l-Opinjoni, il-KESE jixtieq jindika b'mod partikolari l-importanza tad-diġitalizzazzjoni tal-governanza pubblika (governanza elettronika) fit-twettiq ta' suq uniku aktar effiċjenti, aċċessibbli u trasparenti. Id-diġitalizzazzjoni tista' tissemplifika l-proċessi amministrattivi biex tagħmilha aktar faċli, aktar rapida u orħos għall-individwi u n-negozji biex joperaw fis-suq uniku. L-UE għandha tippromovi aktar armonizzazzjoni tas-servizzi diġitali pubbliċi fl-Istati Membri kollha, inklużi standards, protokolli, u oqfsa komuni għas-servizzi tal-gvern elettroniku, bħar-reġistrazzjoni tal-kumpaniji, il-preżentazzjoni ta' dikjarazzjonijiet tat-taxxa, u l-akkwist pubbliku. Il-KESE jappella wkoll għall-kondiviżjoni ta' prattiki ta' governanza elettronika tajba bejn l-Istati Membri.

3.7.2. L-akkwist pubbliku jaqdi rwol importanti fl-integrazzjoni tas-suq intern tal-UE tal-merkanzija u s-servizzi. Id-diġitalizzazzjoni tal-akkwist pubbliku tippromovi l-parteċipazzjoni transfruntiera fis-sejħiet għall-offerti. L-UE ddiġitalizzat il-proċessi tal-akkwist pubbliku, pereżempju permezz tal-użu ta' pjattaformi tal-akkwist elettroniku u billi stabbiliet il-pjattaforma e-Certis li tgħin lin-negozji jidentifikaw iċ-ċertifikati differenti mitluba fil-proċeduri tal-akkwist fl-UE kollha. Barra minn hekk, l-iżvilupp tal-Ispazju Ewropew tad-*Data* tal-Akkwist Pubbliku huwa mistenni li jiffaċilita aktar il-moviment liberu tal-merkanzija u tas-servizzi permezz tal-użu mtejjeb tad-*data* dwar l-akkwist pubbliku fl-UE kollha. Il-KESE jqis l-Ispazju Ewropew tad-*Data* tal-Akkwist Pubbliku bħala eżempju eċċellenti tal-potenzjal tad-diġitalizzazzjoni u jħeġġeġ l-iżvilupp ulterjuri tagħha.

3.7.3. Il-KESE jemmen li l-governanza elettronika Ewropea se tibbenefika minn *qafas Ewropew tal-identità diġitali* kompletament żviluppat li jippermetti lill-individwi u lin-negozji jkollhom identità diġitali sigura u rikonoxxuta fis-suq uniku.

3.7.4. Il-*Portal Diġitali Uniku* huwa pjattaforma online ċentralizzata li tipprovdi aċċess faċli għall-utent għal diversi servizzi diġitali u informazzjoni relatata mal-għajxien, ix-xogħol u n-negozju fl-UE. Il-KESE jemmen li l-Portal għandu jevolvi b'mod kostanti bħala għodda pereżempju billi tissaħħaħ il-kollaborazzjoni mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tiġi estiża l-firxa ta' servizzi disponibbli permezz tal-Portal.

3.7.5. Id-diġitalizzazzjoni tas-sistemi tat-taxxa jista' jkollha wkoll benefiċċji sostanzjali fis-suq uniku. Għalhekk l-eżitu ewlieni tal-proposta reċenti tal-Kummissjoni Ewropea dwar *il-VAT fl-Era Diġitali* għandu jkun sistema tal-VAT li tkun adattata aħjar għall-iżviluppi attwali fl-ekonomija diġitali, li ttejjeb il-funzjonament tas-suq uniku. Madankollu, hemm ukoll tħassib dwar l-impatt tal-proposta fuq is-suq uniku, peress li din twassal għal rekwiżiti ta' rappurtar addizzjonali għall-kumpaniji ([7]).

3.7.6. L-UE u l-Istati Membri għandhom ikomplu *jiftħu d-data mhux sensittiva tas-settur pubbliku* għall-użu mill-ġdid tan-negozji u ċ-ċittadini u għal skopijiet akkademiċi, peress li tista' tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' innovazzjonijiet u opportunitajiet ta' negozju ġodda fis-suq uniku tal-UE.

3.7.7. Sabiex id-diġitalizzazzjoni tal-governanza pubblika tilħaq bis-sħiħ il-potenzjal tagħha, jeħtieġ li jsir investiment fil-*ħiliet diġitali u fil-litteriżmu tal-amministrazzjonijiet pubbliċi*, inkluż fiċ-ċibersigurtà u fil-ġestjoni tad-*data*.

Brussell, il-25 ta' Ottubru 2023.

Oliver RÖPKE

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

([7]) Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tar-regoli tal-VAT għall-era diġitali" (COM(2022) 701 final — 2022/0407 (CNS)) u dwar "Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 904/2010 fir-rigward tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni amministrattiva tal-VAT meħtieġa għall-era diġitali" (COM(2022) 703 final — 2022/0409 (CNS)) (ĠU C 228, 29.6.2023, p. 149).